MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 81/2013

**Sebastiano Vella**

**Vs**

**Transfer of Residence Exemption Board u b'digriet tas-26 ta' Frar 2014 gie kjamat fil-kawza l-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment u b'digriet tas-6 ta' Gunju 2014 isem il-Ministeru kjamat in kawza gie jaqra il-Ministeru ghall-Finanzi**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors imressaq minn **Sebastiano Vella** datat 5 ta' Marzu 2013 fejn ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponenti ghandu nazzjonalita` Taljana u kellu r-residenza tieghu f'pajjizu l-Italja. Hu mizzewweg lil Margaret nee` Cutajar li hi cittadina Maltija li kienet ilha tghix fl-Italja flimkien mar-rikorrent zewgha ghal madwar hamsa u ghoxrin sena.*

*Illi f'Ottubru 2012 ir-rikorrent u martu gew jirrisjedu f'Malta. Dawn gabu maghhom il-vettura Hyundai Matrix li ghandha n-numru ta' registrazzjoni CP 098 VJ.*

*Illi l-esponent ried jitlob ghal ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni dwar il-vettura hawn fuq imsemmija u dan a tenur tal-Artikolu 19 tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk l-esponent talab taghrif minghand l-Awtorita` kompetenti dwar x'kellu jaghmel biex ikun jista' jitlob u jigi moghti tali ezenzjoni peress illi kemm hu u kif ukoll il-vettura tieghu kienu jikkwalifikaw ghal tali ezenzjoni.*

*Illi fil-fatt l-esponent gie moghti mill-awtorita` kompetenti l-Formula VEH 07, li kopja taghha hi hawn annessa bhala Dokument 'A'.*

*Illi skont l-informazzjoni li hemm fuq din il-Formula, fost kundizzjonijiet ohra, sabiex vettura tikkwalifika ghall-ezenzjoni, tali vettura riedet tkun registrata f'isem l-applikant, li din il-vettura kellha tkun ilha tigi uzata mill-applikant barra minn Malta ghal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel ma dan ikun bidel ir-residenza tieghu ghal wahda f'Malta u li l-istess applikant irid ikun irrisjeda barra minn Malta ghal perjodu kontinwu ta' mill-inqas sentejn qabel ma jkun bidel ir-residenza tieghu ghal wahda f'Malta. Kemm l-applikant u kif ukoll il-vettura tieghu jissodisfaw dawn ir-rekwiziti kollha.*

*Oltre dan, skont kundizzjoni ohra msemmija fl-istess Formula, il-vettura in kwistjoni kellha tigi dikjarata ghall-ezenzjoni mhux aktar kmieni minn xahrejn minn meta l-applikant ikun sar normalment resident ta' Malta u mhux aktar tard minn sena wara li jkun sar hekk resident.*

*Illi l-esponent meta korrettament l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni skont dak li hemm mitlub fl-istess Formola VEH 07 u pprezentaha lill-intimat biex tigi processata u deciza. Dan sar wara aktar minn xahar minn meta l-esponent gie Malta.*

*Illi b'ittra datata it-13 ta' Frar 2013, li l-esponent ircieva fil-15 ta' Frar 2013, hu gie nfurmat mic-Chairman tat-Transfer of Residence Exemption Board li t-talba tieghu ma setghetx tigi milqugha minhabba f'dak li tiddisponi r-regola 4(3)(e) tal-Avviz Legali Nru. 6 tal-2012. Kopja ta' din l-ittra qed tigi esebita bhala Dokument 'B'.*

*Illi l-esponent hassu aggravat minn din id-decizjoni u filwaqt li b'ittra tad-19 ta' Frar 2013, li kopja taghha hi hawn annessa bhala Dokument 'C', l-esponent informa lic-Chairman tat-Transfer of Residence Exemption Board li hu kien ser jappella minn dik id-decizjoni, permezz ta' dan ir-rikors l-esponent qed jinterponi appell minn dik id-decizjoni quddiem dan l-Onorabbli Tribunal.*

*Illi l-aggravju tal-esponent hu car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej:*

1. *Illi filwaqt li hu veru illi skont ir-regola numru 4(3)(e) tal-Avviz Legali numru 6 tal-2012 l-applikazzjoni in kwistjoni ghandha ssir fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta, skont l-informazzjoni fuq il-Formola VEH 07, li giet moghtija lill-esponent mill-Awtorita` kompetenti, hemm stabbilit minimu ta' xahrejn u massimu ta' sena minn meta tkun giet stabbilita r-residenza f'Malta biex tkun tista' ssir l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni.*

2. *Illi mhux ammissibbli li xi Awtorita ` pubblika tidhak jew tipprova tidhak b'persuna li titlob informazzjoni dwar id-drittijiet taghha. Dan aktar u aktar meta l-istess Awtorita` taghti informazzjoni bil-miktub fuq formula ufficcjali bhal ma hi l-Formula VEH 07.*

3. *Illi l-esponent agixxa in buona fede fuq l-informazzjoni li gie moghti kif hemm imnizzel bl-iswed fuq l-abjad fil-formula ufficcjali li hu gie moghti. Hu ma pprova jidhak b'hadd. Mill-banda l-ohra jidher li, f'nuqqas ta' prova kuntrarja, bil-formula li l-esponent nghata mill-Awtorita` kompetenti, din riedet tidhak bih. Dan mhux accettabbli f'socjeta' demokratika fir-relazzjoni bejn awtorita` pubblika u cittadin.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu 'l quddiem waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponent jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal ikun joghgbu jirrevoka u jhassar id-decizjoni tat-Transfer of Residence Exemption Board imsemmija fl-ittra Dokument 'B' u tordna lill-istess Board biex jaccetta t-talba tar-rikorrent ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni dwar il-vettura Hyundai Matrix CP 098 VJ u dan peress li kemm ir-rikorrent u kif ukoll l-istess vettura jikkwalifikaw ghal tali ezenzjoni."*

Ra r-risposta tat-**Transfer of Residence Exemption Board**ipprezentata fl-1 ta' April 2013 fejn gie eccepit is-segwenti:-

*"Illi mill-informazzjoni moghtija mill-intimat fl-applikazzjoni sottomessa ma' l-esponent, huwa ddikjara illi ttrasferixxa r-residenza tieghu f'Malta fit-13 ta' Ottubru 2012 u li l-vettura waslet f'Malta fl-istess gurnata u cioe` fit-13 ta' Ottubru 2012.*

*Illi l-applikazzjoni giet sottomessa fit-30 ta' Novembru 2012 u ghaldaqstant wara t-tletin gurnata rikjesti mil-ligi ai termini tal-Artikolu 4(3)(e) tal-S.L. 368.01.*

*Illi abbazi tas-suespost, it-talba tal-esponent ma tistax tintlaqa'.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tas-26 ta' Frar 2014 li permezz tieghu laqa' t-talba tat-Transfer of Residence Exemption Board li jigi awtorizzat iressaq eccezzjoni ulterjuri fis-sens illi l-Bord intimat mhuwiex il-legittimu kontradittur;

Ra illi fis-seduta tas-26 ta' Frar 2014 ir-rikorrent gie awtorizzat jikkjama fil-kawza lill-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment;

Ra r-risposta ulterjuri tat-Transfer of Residence Exemption Board ipprezentata fit-13 ta' Marzu 2014 fejn gie eccepit is-segwenti:-

*"Illi l-Bord intimat mhuwiex il-legittimu kontradittur ai termini tal-**Artikolu 181B tal-Kap 12** stante illi huwa mahtur mill-Ministru ghall-Finanzi sabiex jirraprezenta lill-istess Ministru. Illi ghalhekk huwa l-istess Ministru li ai termini tal-**Artikolu 19 tal-Kap 368** huwa responsabbli milli jaghti l-ezenzjoni u biex f'dan il-kaz jitharrek f'dawn it-tip ta' kawzi."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi** ipprezentata fit-28 ta' Marzu 2014 fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. *"ILLI l-esponent kjamat fil-kawża ġie notifikat bir-rikors promotur fis-27 ta' Marzu 2014;*
2. *ILLI l-esponent jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' dan ir-rikors;*
3. *ILLI mill-informazzjoni mogħtija mir-rikorrent Sebastiano Vella fl-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa fuq ir-reġistazzjoni tal-vettura tal-marka Hyundai Matrix bin-numru*

*tar-reġistrazzjoni barrani CP098VJ sottomessa, huwa ddikjara li ttrasferixxa r-residenza tiegħu f'Malta fit-**13 ta' Ottubru 2012**, u li l-imsemmija vettura waslet Malta fl-istess ġurnata, u ċioe' fit-13 t'Ottubru 2012;*

4. *ILLI l-applikazzjoni ġiet sottomessa fit-**30 ta' Novembru 2012**, skont id-data ddikjarata mir-rikorrenti stess u għalhekk huwa ċar illi **ġiet sottomessa wara t-tletin ġurnata** rikjesti mil-liġi ai termini tar-**Regolament 4 (3) (e) tal-leġislazzjoni sussidjarja 368.01,** liema Regolament kien jgħid ċar illi sabiex ir-rikorrenti seta' jikkwalifika għall-eżenzjoni mill-ħlas ta' reġistrazzjoni tal-vettura tiegħu, **hu kellu jissottometti l-applikazzjoni tiegħu fil-perjodu ta' tletin ġurnata minn meta l-imsemmija vettura daħlet f'Malta**;*

5. *ILLI għalhekk l-esponent jirrileva illi kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut għall-eżenzjoni tat-taxxa;*

6. *ILLI fi kwalunkwe każ l-applikazzjoni msemmija xorta tirreferi għal-liġi li tapplika f'dan il-każ u għalhekk kienet faċli biex ir-rikorrent jivverifika eżatt x'jirrikjedu r-regolamenti tal-liġi biex wieħed ikun eżentat mill-ħlas ta' taxxa fuq il-vettura;*

7. *ILLI inoltre' bla preġudizzju għas-suespost xorta japplika l-kunċett illi **ignorantia iuris neminem excusat** u konsegwentement ir-rikorrent irid iġorr ir-responsabbilta' tan-nuqqas ta' verifika tal-provvedimenti tal-liġi applikabbli għal każ tiegħu;*

8. *ILLI bla preġudizzju ukoll, rigward l-allegazzjonijiet li saru fejn intqal illi xi Awtorita' kompetenti riedet tidħak bih, dawn huma nsinwazzjonijiet fiergħa u gratwiti da parti tar-rikorrent, liema allegazzjonijiet qed jiġu kategorikament miċħuda mill-esponent;*

9. *ILLI għalhekk fid-dawl tas-suespost, huwa ċar illi l-applikant ma laħaqx issottometta l-applikazzjoni tiegħu fiż-żmien rikjest espressament mil-liġi u għaldaqstant l-applikazzjoni għal eżenzjoni mit-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-vettura ma setgħetx tintlaqa' u fil-fatt ġiet ġustament miċħuda stante li ma ssodisfax il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi regolament"*

Sema' x-xhieda ta' Margaret Vella moghtija fis-7 ta' Novembru 2013, ra l-affidavit bil-lingwa Taljana tar-rikorrent Sebastiano Vella u t-traduzzjoni tal-istess imwettqa bil-gurament mill-Avukat Dr. Joseph Mifsud npprezentati fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2013, u sema' lil Herald Bonnici in rapprezentanza tal-Ministeru intimat fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2014;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-26 ta' Frar 2014;

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti l-ohra kollha;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi qabel ma jibda jitratta l-mertu tar-rikors odjern, it-Tribunal qieghed jordna korrezzjoni fl-isem tal-Ministeru kjamat in kawza peress li l-isem korrett tal-istess Ministeru illum hija “Il-Ministeru ghall-Finanzi”.

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent qieghed jitlob li t-Tribunal jirrevedi d-decizjoni notifikata lilu b’ittra datata 13 ta’ Frar 2013 permezz ta’ liema giet michuda t-talba tieghu ghall-ezenzjoni mill-hlas ta’ taxxa ta’ registrazzjoni fuq il-vetturi a tenur ta’ l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta’ Malta[1].

Fit-3 ta’ Dicembru 2012, ir-rikorrent avvanza talba sabiex jigi ezentat mill-hlas ta’ taxxa ta’ registrazzjoni fuq il-vettura ta’ l-ghamla Hyundai Matrix bin-Numru ta’ Registrazzjoni CP 098 VJ a tenur ta’ l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda, b’ittra datata 13 ta’ Frar 2013 gie infurmat li t-talba tieghu giet michuda stante li **l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ma saritx fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura waslet hawn Malta.**

Wara din id-decizjoni r-rikorrent ipprezenta l-appell odjern peress li rrileva li wara li talab ghat-taghrif rilevanti hadd ma infurmah bit-terminu tat-tletin gurnata, wisq inqas dan it-terminu kien indikat fl-applikazzjoni li huwa nizzel minn fuq il-*website* tal-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta.

Illi d-difiza tat-Transfer of Residence Exemption Board iddur mal-fatt illi r-rikorrenti m’applikax ghall-ezenzjoni in kwistjoni entro t-tletin gurnata minn meta l-vettura dahlet f’Malta u kwindi ma kienx jissodisfa wiehed mill-kriterji msemmija fil-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. Oltre minn hekk, permezz ta’ risposta ulterjuri, l-istess Board eccepixxa li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li huwa mahtur mill-Ministru ghall-Finanzi sabiex jirraprezenta lill-istess Ministru. Il-Ministru kjamat in kawza wkoll iddefenda ruhu bil-fatt illi l-

[1] Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta’ Vetturi bil-Mutur

applikazzjoni tar-rikorrenti kienet giet sottomessa tardivament, u cioe wara t-tletin gurnata li l-vettura kienet waslet Malta.

Illi dan it-Tribunal iqis li ghandu l-ewwel u qabel kollox jitratta l-eccezzjoni ulterjuri tal-Bord intimat u mbaghad jinoltra ruhu fil-mertu.

Illi kif qal tajjeb il-Bord intimat, ai termini tal-artikolu 19 (2) (a) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta, *"Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', b'ordni u bla ħsara għal kull kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jeżenta kull persuna mill-ħlas ta' xi taxxa jew parti minn taxxa jew minn xi obbligu impost taħt dan l-Att."* Imbaghad fis-subartikolu (2) (d) insibu li l-istess Ministru *" jista' jiddelega l-awtorità tiegħu lil kull persuna sabiex tiġi attwata l-eżenzjoni taħt il-paragrafu (a)."* Fil-fatt, din l-awtorita` giet delegata lill-Bord intimat u dan kif jemani mil-Legislazzjoni Sussidjarjrja 368.01 fejn insibu li proprju l-Bord gie mahtur mill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi biex jevalwa applikazzjonijiet relatati ma' ezenzjonijiet moghtija taht l-artikolu 19(3)(*f*) tal-Att Dwar ir-Registrzzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur. Ghalhekk, il-Bord, ghalkemm gie delegat lilu l-funzjoni tal-Ministru ghall-Finanzi, jibqa' dejjem il-Ministru li c-cittadin ghandu jdur lejh biex jiehu rimedju jekk ihoss li gie mcahhad minn xi dritt li ghandu. Ghalhekk il-Bord intimat mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u kwindi qieghed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi sorvolata l-eccezzjoni ulterjuri tal-Bord intimat, issa t-Tribunal se jinvesti l-mertu proprju tar-rikors odjern.

Illi l-ezenzjoni tat-taxxa ta' registrazzjoni ta' vetturi hija regolata principalment mill-Kapitolu 368 u mil-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Illi f'artikolu 19 (3) (f) tal-Kap 368 insibu illi:

*"Il-vetturi bil-mutur li gejjin ghandhom, meta jigu registrati mal-Awtorita`, ikunu ezentati mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni:*

*Vettura bil-mutur M1 jew cickletta li tkun proprjeta` personali ta' individwu privat u li tkun qieghda tingieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qieghed*

*jitrasferixxi r-residenza normali tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta, izda l-ezenzjoni tinghata kemm-il darba dik il-vettura tikkwalifika ghal ezenzjoni bhal dik. L-imsemmija ezenzjoni tinghata taht dawk il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet maghmula mill-Ministru responsabbli ghall-finanzi."*

Illi mbaghad fir-Regolament 4 (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, kif applikabbli fiz-zmien in ezami u cioe kif regolat b'Avviz Legali 6 tal-2012, kien jghid is-segwenti:-

*"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1) –*

*(a) hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi mpurtata jew miġjuba f'Malta;*

*(b) hija tkun ġiet akkwistata taħt il-kondizzjonijiet ġenerali tat-tassazzjoni li jkunu fis-seħħ fis-suq domestiku tal-Istat li minnu tkun qiegħda tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta, u ma tkunx soġġetta għall-fatt li tkun ser tiġi esportata għal xi eżenzjoni minn jew rifużjoni ta' dazju tas-sisa, taxxa ta' valur miżjud jew xi taxxa oħra ta'konsum;*

*(ċ) il-persuna li tkun qiegħda tapplika għall-eżenzjoni trid tkun ilha tgħix barra minn Malta għal perjodu kontinwu ta' għallinqas erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data li fiha hija ma tibqax ikollha r-residenza normali tagħha barra minn Malta;*

*(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data; u*

*(e) jekk il-vettura tkun diġà waslet f'Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fuq il-formola preskritta mill-persuna li tkun qiegħda tittrasferixxi r-residenza tagħha fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta."*

Illi ma hemmx kontestazzjoni illi l-ghamla ta' vettura mertu tar-rikors in kwistjoni hija vettura bil-mutur tat-tip M1 u cioe *"vettura użata għall-ġarr ta'*

*passiġġieri b'sedili mhux iżjed minn tmien persuni minbarra s-sedil tad-driver".*[2] Illi mill-provi jirrizulta wkoll is-segwenti[3]:-

1. Illi r-rikorrent wasal Malta fit-13 ta' Ottubru 2012, f'liema data ha wkoll ir-residenza tieghu;

2. Illi l-vettura waslet f'Malta ukoll fit-13 ta' Ottubru 2012.

Illi ghalhekk ladarba l-vettura waslet hawn Malta mar-rikorrent, skatta t-terminu ta' tletin gurnata entro liema r-rikorrenti kien obbligat japplika ghall-ezenzjoni ai termini tar-Regolament 4 (e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Illi madankollu, dan it-Tribunal ma jistghax jiddikjara li kien skada dan it-terminu u jieqaf hemm, ghaliex f'dan il-kaz ir-retroxena ghas-sottomissjoni tal-applikazzjoni da parti tar-rikorrent hija bil-wisq importanti.

Illi minn harsa lejn il-**formula VEH 07**,[4] liema formula hija l-applikazzjoni ufficjali ghall-ezenzjoni tat-taxxa tal-vetturi migjuba Malta minn persuni li stabilixxew ir-residenza taghhom hawn Malta, jirrizulta li hemm indikati ghadd ta' pre-rekwiziti fosthom:-

***"A vehicle is to be declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later then twelve months following that date."***

Dan huwa l-uniku terminu li kien jitnizzel fl-imsemmija formula, fiz-zmien tal-applikazzjoni *de quo*, fir-rigward ta' meta ghandha tigi sottomessa l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Madankollu, kif gia inghad iktar 'il fuq, kien hemm terminu iehor, li ghal xi raguni li jafuha biss l-Awtoritajiet koncernati, ma kienx qieghed jigi msemmi u indikat fil-formula VEH 07 u dan kien proprju it-terminu, **bil-wisq iqsar**, ta' **tletin gurnata minn meta tasal il-vettura hawn Malta.**

[2] Artikolu 2, Kap. 368
[3] Fol. 29 et seq. tal-process
[4] Esebita bhala Dok HB1 a fol. 39 tal-process

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-amministrazzjoni pubblika f'dan il-kaz naqset bil-kbir. Tant hu hekk, illi fil-format sussegwenti, l-istess perjodu ta' tletin gurnata mhux talli beda jigi mnizzel, imma talli beda jigi indikat **b'tipi grassi**. It-Tribunal ghalhekk ihoss illi anke l-istess amministrazzjoni pubblika indunat bl-izball li kienet ghamlet bin-nuqqas ta' indikazzjoni lill-applikanti bit-terminu ta' tletin gurnata fil-formula VEH 07. It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-amministrazzjoni pubblika ghandha tkun hemm biex tghin lic-cittadin jikseb l-informazzjoni korretta sabiex ikun f'posizzjoni li jezercita d-drittijiet tieghu skond il-ligi. F'dan il-kaz, sfortunatament, ma sarx hekk. U dan ghaliex wara nuqqas lampanti da parti tal-amministrazzjoni pubblika, l-applikant li osserva dak kollu li kien hemm miktub fil-formula, gie xorta penalizzat bir-rifjut tal-ezenzjoni.

Illi t-Tribunal japprezza l-argumenti mressqa fit-trattazzjoni orali da parti tad-difensur tal-Bord intimat u tal-Ministru kjamat in kawza, u huwa wkoll konsapevoli tal-massima illi l-injoranza tal-ligi mhix skuza. Huwa konxju wkoll illi fil-formula VEH 07 gie indikat ukoll il-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero, dan ma kienx bizzejjed, ghaliex fl-opinjoni tat-Tribunal, jekk wiehed imur fil-Kapitolu 368 xorta mhux se jsib il-kundizzjonijiet kollha rikjesti biex jibbenefika mill-ezenzjoni in kwisjtoni stante li dawn jinsabu principalment fil-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. Tant dan in-nuqqas gie rikonoxxut mill-awtoritajiet koncernati li fil-formula vigenti, hemm *link* li proprju tiehdok fil-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 fejn hemm elenkati wiehed wiehed il-kundizzjonijiet li jridu jigu sodisfatti.[5]

Illi ghalhekk, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, l-awtoritajiet koncernati ma wettqux id-dover taghhom ta' amministrazzjoni tajba fil-konfront tar-rikorrent bil-konsegwenza li r-rikorrent gie zgwidat dwar it-terminu li fih kellu jissottometti l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni.

## DECIDE

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' r-risposta ulterjuri tat-Transfer of Residence Exemption Board u konsegwentement jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, jichad l-eccezzjonijiet

[5] Ghalkemm tali link hija indikata bhala *Legal Notice 440 of 2013* mentri fil-fatt tiehdok fil-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 li giet emendata bil-Avviz Legali 440 tal-2013

tal-Ministeru kjamat in kawza, u jilqa' l-Appell interpost mir-Rikorrent mid-decizjoni tal-istess Ministeru datata 13 ta' Frar 2013, jirrevoka l-imsemmija decizjoni, u jidderigi lill-Ministeru ghall-Finanzi biex jikkoncedi lir-Rikorrent l-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Hyundai Matrix bin-Numru ta' Registrazzjoni CP 098 VJ.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk tat-Transfer of Residence Exmption Board, jibqghu a karigu tal-Ministeru kjamat in kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------